# <u>Rapport dwar l-Edukazzjoni Inklużiva u Speċjali</u>

## Ir-Rapport fil-Qosor

Format: Ħafif-Biex-Taqra

Il-Gvern qabbad grupp ta' nies biex jagħmlu rapport dwar l-edukazzjoni ta' studenti b'diżabilita'. Dan il-grupp mexxieh is-Sur Lino Spiteri. Il-grupp għamel rapport dwar l-istudenti b'diżabilita li jmorru skejjel primarji u sekondarji (tal-Gvern, tal-Knisja u Indipendenti) u dawk li jmorru skejjel speċjali.

1. Ir-Rapport jinqasam f'għaxar taqsimiet.

2. L-Ewwel Taqsima tagħti informazzjoni dwar x'ġara sa llum dwar l-edukazzjoni ta' l-istudenti b'diżabilita'.

3. It-Tieni Taqsima tagħti informazzjoni dwar n-numru ta' studenti b'diżabilita' u l-flus li l-Gvern qed jonfoq għal din l-edukazzjoni. 2.57 fil-mija ta' l-istudenti kollha ta' Malta u Għawdex huma studenti b'diżabilita'.

4. It-Tielet Taqsima tagħti informazzjoni dwar x'qed jiġri fl-Ewropa f'dan il-qasam.

5. Ir-Raba' Taqsima tagħti l-punti l-aktar importanti ta' x'qalu n-nies lil dan il-Grupp - studenti, ġenituri, għalliema, *facilitators* u Għaqdiet Mhux tal-Gvern (Dawn jinsabu kollha fuq CD mar-rapport).

6. Il-Ħames Taqsima tiddiskuti s-sapport li qed jingħata lill-istudenti b'diżabilita'. Tibda mill-assessment (eżami biex jara x'inhuma l-bżonnijiet), l-i*statementing* (rapport li jgħid x'għandu bżonn student għall-edukazzjoni tiegħu minħabba d-diżabilita') u l-inklużjoni fl-iskejjel primarji u sekondarji. Il-Grupp ikkonkluda li:

- ma hemmx programm tajjeb biex jaqdi l-bżonnijiet differenti ta' studenti b'diżabilita';
- dan il-programm ma kibirx skond il-bżonn li hemm;
- il-Gvern qed jonfoq ħafna flus imma s-servizz mhux tajjeb biżżejjed. Kull sena l-Gvern qed jonfoq aktar flus.

7. Fit-Sitt Taqsima, il-Grupp jgħid lill-Gvern biex jagħmel Pjan ta' Pożizzjoni Ġdida. Il-Pjan ikun twil minn seba' sa għaxar snin. Il-Pjan ma jkunx mibni fuq ix-xewqa li kull student b'diżabilita' jkollu *facilitator*. Dan il-pjan ikollu wkoll li:

- mat-twelid ikun hemm testijiet biex ikunu jafu min huma l-persuni b'diżabilita'. Dawk li jkollhom id-diżabilita' jsirilhom Pjan Edukattiv Individwalizzat (jiġifieri lil kull wieħed) għal qabel jibdew l-iskola. Min jagħmel dan ix-xogħol irid ikollu t-training biex jagħmel ix-xogħol sew;
- L-i*statementing* (meta jgħidulek x'għajnuna għandek bżonn) isir minn grupp ta' professjonisti (għalliema, tobba, psikologi *social workers*, terapisti) u, jekk jista' jkun, isir fl-iskola ta' l-istudent;
- Is-servizzi lil studenti b'diżabilita' għandhom dejjem jgħinu biex l-istudenti jsiru kapaċi jiddeċiedu għalihom. Is-sapport ikun parti mill-programm ta' l-iskola kollha. Dan il-programm jaħdem biex l-istudenti kollha (dawk li għandhom diżabilita' u anke dawk li ma għandhomx diżabilita') ikollhom is-sapport li għandhom bżonn. L-istudenti kollha jaħdmu għall-ġid ta' l-iskola;
- l-għalliema studenti u l-għalliema li diġa' qed jgħallmu jkollhom taħriġ kif jippreparaw Programm Edukattiv Individwalizzat (PEI). Dan hu program ta' kif għandhom jitgħallmu studenti b'diżabilita' u l-għalliema jridu jaraw li dan il-programm isir;
- l-għalliema tal-klassi jkollhom l-għajnuna ta' professjonisti ġodda l-aktar mill-iskejjel speċjali, wara li dawn jinbidlu kif qed jgħid dan ir-rapport u jibdew jissejħu Ċentri ta' Riżorsi. Ikun hemm ukoll l-INCOs li jkunu għalliema speċjali li jaraw li dawn il-programmi jsiru;

- għalliema speċjalizzati jkunu għamlu kors ta' għalliema fl-Universita' u kors ieħor fl-Universita' f'suġġett li tkun trid id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni (eżempju, dwar studenti b'nuqqas ta' dawl, b'nuqqas ta' smigħ, b'diffikultajiet kbar kif igibu ruħhom u kif jikkomunikaw);
- ix-xogħol ta' l-għalliema speċjalizzati jkun li jagħtu għajnuna lill-għalliema tal-klassi u lill-istudenti b'diżabilita (fir-rapport jissejħu studenti bi Bżonniiiet Edukattivi Individwali (BEI);
- xi gruppi ta' studenti b'diżabilita', eżempjul dawk li għandhom nuqqas ta' dawl jew ta' smigħ, għandhom ikunu megħjuna minn għalliema speċjalizzati u minn servizzi li jagħtu ċ-ċentri ta' riżorsi;
- Assistenti ta' Sapport fit-Tagħlim (illum insejħulhom *facilitators*) li jkollhom it-training jibdew jaħdmu ma' l-istudenti tal-klassi kollha. Jista' jkun li l-klassi tingħata assistent il-ħin kollu jekk ikun hemm student b'diżabiltia' li għandu ħafna bżonnijiet;
- dawn l-Assistenti ta' Sapport fit-Tagħlim (AST) iridu jagħmlu kors fl-Universita'. Il-kors ikun ta' sentejn. L-ewwel sena jitgħallmu fuq d-diżabiltajiet kollha. Fit-tieni sena jitgħallmu fuq żewġ diżabilitajiet biss biex isiru jafu aktar fuqhom;
- isiru assistenti personali li jgħinu lill-istudenti li jkollhom bżonn biss kura personali (eżempju, biex jgħinuhom imorru t-tojlit). Huma jistgħu jagħtu s-servizz tagħhom fi skola waħda jew aktar. Dawn l-assistenti għandhom jingħataw it-training li għandhom bżonn. Jekk l-istudent għandu diżabilitajiet oħra u għandu bżonn għajnuna fit-tagħlim u fil-kura personali, dawn it-tnejn jingħataw mill-Assistent tas-Sapport fit-Tagħlim tal-klassi.

7.1 Il-Grupp jgħid ukoll li l-Pjan ta' Pożizzjoni Ġdida għandu wkoll:

- ikollu pjanijiet ċari dwar training aħjar dwar dan is-suġġett lill-istudenti għalliema li qed jagħmlu l-kors tal-B.Ed;
- ikollu pjanijiet ċari biex jiżdied il-grupp ta' għalliema speċjalizzati;

- ikollu pjanijiet ċari ta' taħriġ waqt ix-xogħol għall-għalliema, assistenti kapijiet u kapijiet ta' skejjel, l-aktar dwar il-Programmi Edukattivi Individwalizzati (PEI);
- tuża l-affarijiet li għandha l-iskola biex iżżid l-għajnuna li tagħti lill-istudenti b'diżabilita', eżeżempju billi jkollha l-INCOs u tim ta' professjonisti;
- isir pjan ċar biex ikun hawn Ċentru Nazzjonali ta' Sapport li jaħdem sew. Dan iċ-Ċentru jaħdem għal Malta kollha.

7.2 Il-Grupp jgħid li flimkien mal-Pjan ta' Pożizzjoni Ġdida, id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni għandha tagħmel Programm Parallel ta' Azzjoni. Dan il-programm idum erba' snin. F'dan il-Programm, id-Diviżjoni għandha:

- tibdel id-Dipartiment li llum jieħu ħsieb l-edukazzjoni speċjali u li jismu d-Dipartiment tas-Servizzi għall-Istudenti u r-Relazzjonijiet Internazzjonali. Dan għandu jieħu ħsieb biss l-edukazzjoni inklużiva u speċjali u xi servizzi oħra ta' għajnuna għall-istudenti. Dan id-Dipartiment għandu jkollu wkoll Taqsima dwar it-Tagħlim tal-Qari;
- toffri training lill-kapijiet ta' l-iskejjel u l-għalliema;
- tara li jkun hemm kors ta' bil-fors għall-Assistenti ta' Sapport fit-Tagħlim li m'għandhomx id-Diploma ta' l-Universita'. Dan il-kors għandu jgħinhom biex jekk iridu jkomplu jistudjaw biex ikollhom Diploma;
- tagħti somma flus ta' darba lil dawk li jgħaddu minn dan il-kors. Il-Gvern għandu jara x'jagħmel b'dawk li ma jridux jagħmlu dan il-kors;
- tara li l-Assistenti tas-Sapport fit-Tagħlim (jew AST) jattendu ukoll il-programmi li jsiru għall-għalliema wara l-ħin ta' l-iskola;
- taħdem biex l-għajnuna li tingħata tkun taqbel mal-bżonnijiet speċjali ta' l-istudent b'diżabiltia';
- meta student ikollu bżonni l-AST u din ma tistax tmur l-iskola, dan l-istudent għandu jmur f'ċentru ta' riżorsi;
- tagħmel lista ċara tax-xogħol li jridu jagħmlu l-AST u ħaddiema oħra li jagħtu għajnuna lil studenti b'diżabilita';

- mill-ewwel, iżżid in-numru ta’ eżamijiet li jrid ikollok biex tibda taħdem ta’ Assistent ta’ Sapport fit-Tagħlim;
- timpjega AST skond id-diżabilitajiet differenti u skond jekk dawn humiex se jaħdmu fi skola  primarja jew skola sekondarja;
- tkun żgura li qabel jibdew jaħdmu, l-AST ġodda jkollhom kors u jekk jista’ jkun jaħdmu ftit flimkien ma’ AST oħra;
- tara li l-Programmi Edukattivi Individwalizzati (PEI) jsiru minn tim ta’ persuni li jaħdmu ma’ l-istudent; jaraw li l-PEI qed isir u li l-PEI ikollu t-tibdil li jkun hemm bżonn; jekk l-istudent ikollu bżonn ta’ servizzi oħra, dawn għandhom jingħataw;
- tara li jkun hemm pjan meta jkun hemm bidla importanti fil-ħajja ta’ studenti b’diżabilita’ biex din il-bidla tkun waħda kemm jista’ jkun bla problemi. Eżempju, meta l-istudent jibda l-kindergarten, mill-kindergarten imur l-iskola primarja, mill-iskola primarja għall-iskola sekondarja, u mill-iskola sekondarja għal skola oħra jew għall-ħajja tal-persuni kbar;
- tara fid-dettall li s-sistema ta’ edukazzjoni inklużiva u specjali taħdem sew.

7.3 Il-Gvern għandu, jekk jista’ jkun, jipprovdi flus għas-sapport li għandhom bżonn studenti b’diżabilita’ fl-iskejjel indipendenti. Il-flus li hemm bżonn għal dan huma ftit.

7.4 Il-Gvern għandu jistudja kif jgħin l-aħjar bil-flus lill-Għaqdiet Mhux tal-Gvern (NGOs) biex jipprovdu servizzi ta’ sapport. Hekk il-genituri jkunu jistgħu jagħżlu liema servizz jieħdu - tal-Gvern jew ta’ xi NGO.

7.5 Il-Grupp jgħid bil-qawwa lill-Gvern li s-servizzi tiegħu għandhom ikun tajbin ħafna. Hekk, dawk il-ġenituri li ma għandhomx flus biex jixtru dan is-servizz mill-NGOs xorta jkollhom servizz tajjeb.

8. Fit-Tmien Taqsima hemm studju dwar l-iskejjel speċjali. Il-Grupp jgħid li l-iskejjel speċjali għandhom isiru ċentri ta' riżorsi b'xogħlijiet differenti biex:

- jaqdu l-bżonnijiet differenti ta' kull student b'diżabilita' li minħabba d-diżabilita' tagħhom ikun aħjar li jmorru skola speċjali;
- studenti b'diżabilita' li jattendu skejjel regolari jżuru l-iskejjel speċjali biex jużaw l-apparat speċjali li għandhom;
- jgħinu lill-iskejjel regolari, u
- jagħtu training lill-għalliema regolari, *facilitators* u AST oħra.

8.1 Il-lista tax-xogħol tal-ħaddiema li jaħdmu ma' studenti b'diżabilita' għandha tkun differenti skond jekk hux se jaħdmu fl-iskejjel primarji jew sekondarji jew skejjel oħra. Il-lista għandha tkun skond ir-regoli ta' l-Unjoni Ewropea, Eżempju dwar kemm jistgħu jerfgħu piż. Dawn l-iskejjel għandu jkollhom ħaddiema, apparat u flus biex jaħdmu sew.

8.2 Id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni għandha tagħżel numru ta' skejjel regolari primarji u sekondarji biex ikollhom taqsima li tieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' studenti li għandhom nuqqas sever ta' smigħ. Dawn it-taqsimiet għandhom jipprovdu sapport lil kull student skond il-bżonnijiet tiegħu. Dawn l-istudenti jkunu jistgħu wkoll jattendu l-klassijiet regolari u jużaw is-servizzi l-oħra li hemm f'dawn l-iskejjel.

8.3 Id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni għandu jkollha Taqsima għat-Trasport waħda li tieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' l-istudenti kollha. Hi jrid ikollha ħaddiema ttrenjati tajjeb. Il-Gvern għandu, jekk jista' jkun, jagħti flus ħalli jkun hemm trasport b'xejn għall-istudenti b'diżabilita' li jattendu skejjel tal-Knisja jew indipendenti.

8.4 Xi ġenituri (jew dawk li jieħdu ħsieb tfal b'diżabilita') jixtiequ jħallsu huma biex jixtru djar ħalli numru żgħir ta' persuni b'diżabilita' jkunu jistgħu jgħixu fihom. Imma huma ma jistgħux joħorġu l-flus biex iħallsu l-ħaddiema li hemm

bżonn biex jieħdu ħsieb dawn il-persuni. Il-Grupp jgħid lill-Gvern biex forsi jibda jipprovdi dan is-servizz flimkien ma' dawn il-ġenituri.

8.5 In-numru ta' studenti li għandhom id-*dyslexia* jidher li qed jiżdied. Dawn l-istudenti jkollhom diffikulta' biex jitgħallmu jaqraw u jiktbu. Hemm bżonn li jsir studju biex inkunu nafu għaliex u x'hemm bżonn isir biex ngħinuhom tajjeb.

9. Il-Grupp jgħid li hemm bżonn li l-Kostituzzjoni u l-Liġi dwar l-Edukazzjoni jinbidlu xi ftit. Il-grupp ukoll jgħid lill-Parlament biex jagħmel Kumitat immexxi mill-i*Speaker* tal-Parlament biex jiddiskuti l-affarijiet tal-persuni b'diżabilita'.

10. Il-Grupp jgħid li persuni b'diżabilita' qed isibuha diffiċli ħafna biex isibu xogħol. Hemm bżonn li l-Gvern jara li min iħaddem jobdi l-liġi. Il-Gvern għandu wkoll jagħti l-eżempju. Meta jkun hemm xi xogħol mal-Gvern li persuna b'diżabilita' tista' tagħmlu, il-Gvern għandu jagħti dan ix-xogħol lil din il-persuna b'diżabilita'.